Skopri

# Il-Europass il-ġdid



europass

Il-manuskritt tlesta fi Frar 2021

Edizzjoni Nru 1

Il-Kummissjoni Ewropea mhijiex responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza li tirriżulta minħabba l-użu mill-ġdid ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021

© Unjoni Ewropea, 2021:

Il-politika tal-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Għajr jekk ikun indikat mod ieħor l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja ta' Creative Commons Attribution 4.0 International (CC-BY 4.0) (https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi. L-Unjoni Ewropea ma għandhiex id-drittijiet tal-awtur f'rabta mal-elementi li ġejjin:

© Shutterstock, 2021

| | | | |
|---|---|---|---|
| PDF | ISBN 978-92-76-28982-1 | doi 10.2767/909873 | KE-02-21-065-MT-N |
| PRINT | ISBN 978-92-76-29010-0 | doi 10.2767/505116 | KE-02-21-065-MT-C |

europass

# L-Europass il-Ġdid

## Ħu l-pass li jmiss

www.europass.eu

# X’inhu Europass?

L-Europass huwa l-ispazju personali tiegħek online biex tiġbor it-tagħlim u l-esperjenzi kollha tax-xogħol tiegħek. Enfasizza l-ħiliet tiegħek, uri l-punti pożittivi tiegħek u ħejji ruħek biex tiskopri l-opportunitajiet kollha li l-Ewropa għandha x’toffri.

L-Europass huwa disponibbli f’29 lingwa, u joffri għodod li se jgħinuk timmaniġġja kull stadju tal-karriera u tat-tagħlim tiegħek.

Skopri opportunitajiet biex tieħu l-pass li jmiss fit-tagħlim jew fil-karriera tiegħek madwar l-Ewropa.

# Skopri l-Europass il-Ġdid

L-Europass inħoloq fl-2004 mill-Unjoni Ewropea u l-verżjoni moderna l-ġdida tnediet fl-2020.

Dan joffri sett ta’ għodod online b’xejn biex jappoġġja komunikazzjoni effettiva u preżentazzjoni tal-ħiliet u l-kwalifiki tiegħek, u iktar.

**L-Europass il-ġdid jista’:**



Jiggwidak biex tiddeskrivi u tippreżenta l-ħiliet, il-kwalifiki u l-esperjenzi tiegħek lill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ u lil impjegaturi madwar l-Ewropa.



Jipprovdi informazzjoni utli dwar it-tendenzi tal-ħiliet u l-ħtiġijiet biex tippjana t-tagħlim jew il-karriera tiegħek jekk trid tmur tgħix fi kwalunkwe pajjiż fl-Ewropa.



Jippermetti lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ joħorġu diplomi u ċertifikati diġitali f’format diġitali madwar l-Ewropa kollha tal-Kredenzjali Diġitali tal-Europass. Jinkoraġixxi rikonoxximent faċli u awtentikazzjoni minn impjegaturi u fornituri tat-taħriġ li tista’ tirċevihom, taħżinhom u taqsamhom ma’ oħrajn fuq l-Europass tiegħek.



Jissuġġerixxi impjiegi u korsijiet li jaqblu mal-profil tiegħek u jaqblu mal-ħiliet, il-kwalifiki u l-interessi tiegħek. Tista’ tfittex u tapplika għall-impjieg li l-iktar tixtieq li jkollok minn eluf ta’ opportunitajiet ta’ xogħol minn madwar l-Ewropa kollha disponibbli fi spazju wieħed.

# L-Europass kif jappoġġja t-tagħlim tul il-ħajja?

**It-trasformazzjoni diġitali** qed tbiddel il-mod kif naħdmu, nitgħallmu, ninteraġixxu mas-soċjetà u ngħixu l-ħajja tagħna ta' kuljum.

L-**Europass il-ġdid** huwa l-għodda online primarja tal-UE biex jgħinek b'mod effettiv **tikkomunika l-ħiliet u l-kwalifiki tiegħek**, u b'mod proattiv **jiggwidak lejn impjieg jew opportunità ta' tagħlim**.

Meta tiffaċċja sfidi ġodda u tranżizzjonijiet bejn ix-xogħol u t-tagħlim, l-Europass jipprovdilek appoġġ u għodda meħtieġa biex jiggwidawk bit-tagħlim tul il-ħajja tiegħek u biex tibbenefika mill-opportunitajiet kollha li toffri l-Ewropa.



# X'jista' jagħmel għalik l-Europass?

Tista' tfittex impjiegi u korsijiet, tħejji u timmaniġġja l-applikazzjonijiet tiegħek, tirrevedi l-ħiliet tiegħek, tidentifika l-miri u l-interessi tiegħek, u ħafna iktar ladarba toħloq il-profil tal-Europass tiegħek.



# Nista'...

## ...infittex impjiegi u korsijiet?

## IVA!

- tista' tfittex impjiegi madwar l-UE minn bażi ta' data ta' eluf ta' opportunitajiet ta' impjiegi mħaddma mill-EURES, in-netwerk Ewropew tas-servizzi pubbliċi nazzjonali tal-impjiegi
- tista' tfittex mijiet ta' korsijiet li qed jiġu aġġornati kontinwament ipprovduti mis-servizzi tal-gvern
- se tirċievi suġġerimenti għal impjiegi u korsijiet li jaqblu mal-ħiliet u l-interessi tiegħek
- tista' timmaniġġja, taħżen u taqsam id-dokumenti u l-informazzjoni kollha tiegħek mingħajr ħlas fil-librerija tal-Europass tiegħek






# Nista'...

## ...noħloq CVs u ittri ta' akkumpanjament?

## IVA!

B'mod sempliċi u faċli, iddisinja kemm-il CV u ittri ta' akkumpanjament għandek bżonn mill-profil tal-Europass tiegħek.

# Jistgħu...

## ....il-kwalifiki tiegħi jinftiehmu kullimkien fl-Ewropa?

## IVA!

L-Europass jgħinek tippreżenta l-profil jew is-CV tiegħek b'mod li jinftiehem madwar l-Ewropa. Il-pjattaforma tipprovdi informazzjoni dwar netwerks ta' kwalifiki nazzjonali u Ewropej u tippermettilek tqabbilhom ukoll.

Il-kredenzjali diġitali tal-Europass huma strutturati wkoll f'format diġitali standard li faċli jinftiehem mal-Ewropa kollha.



# Għodod tal-Europass

## L-għodod tal-Europass jinkludu:



### Profil tal-Europass

Oħloq il-profil tal-Europass tiegħek biex tiġbor il-ħiliet, il-kwalifiki, il-kisbiet, il-premjijiet, l-esperjenzi kollha tiegħek, u iktar, f'post wieħed sigur u online.



### Editur tas-CV u tal-Ittra ta' akkumpanjament

Oħloq CVs u ittri ta' akkumpanjament bi ftit klikks u gwida pass pass. L-Europass saħansitra joffri mudelli ta' CVs differenti minn fejn tagħżel!



### Il-librerija tiegħi

Tista' timmaniġġja u torganizza d-dokumenti kollha tiegħek bħal ċertifikati, ittri ta' motivazzjoni, ittri ta' akkumpanjament, CVs, ritratti, jew kwalunkwe dokument ieħor fil-Librerija tal-Europass tiegħek. Il-qsim tagħhom ma' oħrajn huwa faċli permezz ta' link unika.



### Il-ħiliet tiegħi

Irrifletti fuq il-ħiliet tiegħek, esplora settijiet ta' ħiliet relatati u d-deskrizzjonijiet tagħhom biex tifhem il-punti pożittivi tiegħek. Se tirċievi suġġerimenti ta' impjiegi u korsijiet ibbażati fuq dak li ddaħħal f'din it-taqsima.



### L-Interessi Tiegħi

Iddefinixxi fejn trid titgħallem jew taħdem, suġġetti jew oqsma tax-xogħol li jinteressawk biex tiddefinixxi l-miri tat-tagħlim u tal-karriera tiegħek. Se tirċievi suġġerimenti ta' impjiegi u korsijiet li jaqblu skont fuq l-informazzjoni li ddaħħal f'din it-taqsima.



### Dokumenti Europass

Sett ta' dokumenti li jiddeskrivu l-għarfien u l-ħiliet miksuba tiegħek:

- matul id-degrees tal-edukazzjoni għolja tiegħek: Suppliment tad-diploma
- matul it-taħriġ vokazzjonali tiegħek: Suppliment taċ-Ċertifikat tal-Europass
- f'pajjiż Ewropew ieħor: Mobilità tal-Europass

# Ikkuntattja lit-tim tal-Europass

Għandek ideat għal karatteristiċi li għadhom mhumiex disponibbli fuq l-Europass? Taħseb li l-karatteristiċi attwali jistgħu jittejbu? Forsi għandek bżonn xi għajnuna biex tinnaviga l-portal?

Jekk jogħġbok, toqgħodx lura milli tikkuntattjana!

Biex **tipprovdi feedback, taċċessa l-appoġġ jew tħalli kumment** rigward l-aspetti tekniċi tal-pjattaforma, jekk jogħġbok **ikkuntattjana** permezz tal-formola ta' hawn taħt:

https://europa.eu/europass/mt/contact-us/submit-query

Jekk interessat li **tippromwovi jew tikkollabora fuq l-Europass il-ġdid fil-livell nazzjonali**, ikkuntattja liċ-**Ċentri Nazzjonali tal-Europass** tagħna:

https://europa.eu/europass/mt/national-europass-centres

Ingħaqad fil-konverżazzjoni fuq il-midja soċjali billi tuża **#Europass** u ssegwi l-kanali ta' Facebook u Twitter tal-UE għall-aġġornamenti **@EU_Social**.

## Kif tikkuntattja lill-ue

**Personalment**

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' Ċentri ta' Informazzjoni ta' Europe Direct.

Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: https://europa.eu/european-union/contact_mt

**Bit-telefown jew bil-posta elettronika**

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.

Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
- bil-posta elettronika permezz: https://europa.eu/european-union/contact_mt

## Kif issib tagħrif dwar l-ue

**Onlajn**

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

**Pubblikazzjonijiet tal-UE**

Tista' tniżżel mill-internet jew tordna pubblikazzjonijiet tal-UE li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: https://op.europa.eu/mt/publications. Kopji multipli ta' pubblikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

**Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati**

Għal aċċess għal informazzjoni legali mill-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: http://eur-lex.europa.eu

**Dejta Miftuħa mill-UE**

Il-portal tad-Dejta Miftuħa mill-UE (http://data.europa.eu/euodp/mt) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-dejta mill-UE. Id-dejta tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

L-Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

europass